

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2011 — Alstoft Recycling Austria vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-419/03) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Sistema ta' ġbir u ta' riċiklaġġ ta' imballaġġi użati fl-Awstrija — Ftehim ta' ġbir u ta' għażla li jinkludu klawżoli ta' esklużività — Deċiżjoni ta' eżenzjoni individwali — Obbligi imposti — Prinċipju ta' proporzjonalità”)

(2011/C 139/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Alstoft Recycling Austria AG, li qabel kienet Alstoft Recycling Austria AG u ARGEV Verpackungsverwertungsgesellschaft mbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: H. Wollmann, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment W. Mölls, sussegwentement W. Mölls u H. Gading, u fl-aħħar nett R. Sauer, aġenti)

Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenuta: EVA Erfassen u Verwerten von Altstoffen GmbH (Vjenna) (rappreżentanti: A. Reidlinger u I. Hartung, avukati); u Bundeskammer für Arbeiter und Angestellte (Vjenna) (rappreżentant: K. Wessely, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tal-Artikoli 2 u 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/208/KE, tas-16 ta' Ottubru 2003, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każi COMP D3/35.470 — ARA u COMP D3/35.473 — ARGEV, ARO) (ĠU 2004, L 75, p. 59)

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Alstoft Recycling Austria AG għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, EVA Erfassen und Verwerten von Altstoffen GmbH u l-Bundeskammer für Arbeiter und Angestellte, inklużi dawk marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

⁽¹⁾ ĠU C 59, 6.3.2004.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2011 — Il-Latvja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-369/07) ⁽¹⁾

(“Ambjent — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Pjan nazzjonali tal-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet għal-Latvja għall-perijodu bejn l-2008 sal-2012 — Terminu ta' tliet xhur — Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87”)

(2011/C 139/29)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Latvja (rappreżentanti: inizjalment E. Balode-Buraka u K. Bārdiņa, sussegwentement L. Ostrovska u fl-aħħar L. Ostrovska u K. Drēviņa, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: U. Wölker, E. Kalnins u I. Rubene, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: D. Kriauciūnas, aġent); u Ir-Repubblika Slovakkja (rappreżentanti: inizjalment J. Čorba, sussegwentement B. Ricziová, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u L-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: inizjalment minn Z. Bryanston-Cross, sussegwentement S. Behzadi-Spencer, I. Rao u F. Penlington, aġenti, assistiti minn J. Maurici, barrister)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 3409, tat-13 ta' Lulju 2007, dwar il-bidla fil-pjan nazzjonali tal-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mir-Repubblika tal-Latvja għall-perijodu bejn l-2008 sal-2012, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631)

Dispożittiv

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 3409, tat-13 ta' Lulju 2007, dwar il-bidla fil-pjan nazzjonali ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mir-Repubblika tal-Latvja għall-perijodu bejn l-2008 sal-2012, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE hija annullata.